Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

Illum, it-12 ta' Marzu 2020

**Kumpilazzjoni Numru: 574/2019**

**Pulizija**

**Vs**

**Stephen Zammit (3159765M)**
**Jason Mifsud (354774M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijet kontra Stephen Zammit ta' 44 sena, iben Herman u Concetta xebba Degiorgio, imwieled gewwa il-Pieta, nhar it-28 ta' April 1975, u residenti gewwa fond numru 58, Chardam, Triq Dun Karm, Birkirkara, u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 315975M.

Rat l-imputazzjonijet kontra Jason Mifsud ta' 45 sena, iben Carmelo u Carmen xebba Azzopardi, imwieled gewwa il-Pieta, nhar it-28 ta' April, 1974 u residenti gewwa fond numru 12, FL 2B, Triq Sant'Agata, Sliema u detentur tal-karta tal- identita bin-numru 354774M.

Fejn huma gew akkuzati talli nhar it-08 ta Settembru tas-sena 2019, ghal habta ta' l-ghaxra u kwart ta' filghodu (10:15hrs) minn gewwa Triq San Luqa Pieta';

1) Ikkommettew serq ta' mobajl tad-ditta Samsung u ta 13–il Ewro flus kontanti minn gewwa vettura ta' l-ghamla Toyota bin-numru tar-registrazzjoni KBE 342, li kienet ipparkjata fl-imsemmija triq, liema serq huwa aggravat bil-valur, u bix-xorta tal-haga misruqa, li saret ghad-dannu ta' Oliver Dimech u/jew persuni ohra;

2) bil-ħsieb li jagħmlu delitt li ma ġiex ezegwit minħabba xi ħaga aċċidentali u indipendenti mill-volonta taghhhom, ta` bidu għall-ezekkuzjoni sabiex jikkommettu serq ta' ghodod minn gewwa l-vettura ta' l-ghamla Toyota bin-numru tar-registrazzjoni KBE 342, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, u bix-xorta tal-haga misruqa;

3) U aktar talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew għarqu ħwejjeg ħaddiehor, mobbli jew immobli, liema ħsara ma tiskorrix mitejn u hamsin ewro (250) izda tiskorri tlieta u ghoxrin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (23.29) u dan fuq vettura ta' l-ghamla Ford bin-numru tar-registrazzjoni KBA 448, għad-dannu ta` Emanuel John Micallef u/jew persuni ohra, li saret ghad-dannu ta' Oliver Dimech u/jew persuni ohra.

U Jason Mifsud gie akkuzat wahdu talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanza;

1) Garr strument li jaqta' u bil-ponta (muws) barra mill-fond li fih jirrisjedi cioe' 12, FL 2B, Triq Sant'Agata, Sliema u d-dintorni tieghu minghjar il-licenzja tal-Kumissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta htija tqis lil imsemmi persuni bhala recidivi ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, permezz ta' diversi sentenzi definittivi mogħtija fil-konfront taghhom mill-Qrati ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba wkoll li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-piena stabbilita' mill-ligi, tordna lill-imsemmi persuni sabiex jhallsu l-ispejjez li ghandom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif stabbilit fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat illi fit-13 ta' Settembru 2019, l-Avukat Generali hareg il-kunsens sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol. 11*).

Rat illi fis-seduta tal-14 ta' Settembru 2019, il-Qorti diversament preseduta harget Ordni ta' Trattament (*a fol. 49 sa 50*).

Illi fis-seduta tat-3 t'Ottubru 2019, xehed l-iSpettur Wayne Camilleri pprezenta 'flick knife' u turnavit ssigilati go envelope kannella mmarkat bhala WC1, u c-certifikati tat-twelid tal-imputati mmarkati bhala WC2 u WC3.

Illi fl-istess seduta xehedu PS 827 Edward Grech u Oliver Dimech.

Illi fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2020, xehed Stephen Cachia.

Illi l-Prosekuzzjoni u d-Difiza qabblu illi fil-kaz li tigi rregistrata ammissjoni, ghandha tinghata piena karcerarja effettiva ta' bejn tmienja (8) u disgha (9) xhur.

Rat illi fis-seduta tas-6 ta' Frar 2020, l-imputati irregistraw ammissjoni.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputati, debitament assistiti mill-konsulenti legali taghhom tennew li huma ħatja t' l-**akkuzi kollha** miġjuba kontra taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputati wiegeb li huma hatja ta' l-**akkuzi kollha** migjuba fil-konfront taghhom, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghataw zmien xieraq sabiex jekk iridu jergghu lura minnha.

Illi l-imputati regghu tennew ammissjoni ghall-**akkuzi kollha** migjuba fil-konfront taghhom, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u

nkondizzjonata taghhom, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja ta' l-**akkuzi kollha** migjuba fil-konfront taghhom kif minnhom ammessi.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

**Illi rigward ir-recidivita' ta' l-imputati ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma ngaghbet l-ebda prova mill-Prosekuzzjoni u ghalhekk l-imputati ma' jistawx jinstabu hatja tar-recidiva.**

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 7, 31, 261(b)(c)(g), 263(a), 267, 271(g), 278(3) u 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll fil-konfront ta' l-imputat Jason Mifsud wahdu, l-Artikolu 3, 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, **qed issib lil imputati Stephen Zammit u Jason Mifsud hatja** ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghhom, u tikundannhom ghal **disgha (9) xhur prigunerija effettiva** kull wiehed.

Illi rigward spejjez ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma' jirrizultax illi nhatru xi esperti fil-kaz odejrn.

Magistrat
**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**